



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 26 ta' Awwissu 2021
(OR. en)

11398/21

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0278(NLE)

PECHE 283

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	26 ta' Awwissu 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 491 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-KUNSILL li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għall-2022 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku, u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/92 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd f'ilmijiet oħrajn

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 491 final.

Mehmuż: COM(2021) 491 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 26.8.2021
COM(2021) 491 final

2021/0278 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għall-2022 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku, u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/92 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd f'ilmijiet oħrajn

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet għall-proposta u l-oġġettivi tagħha**

F'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd (ir-"Regolament Bażiku tal-PKS"), l-isfruttament tar-riżorsi bijoloġiċi haġġin tal-baħar irid jirkupra u jżomm il-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet maqbuda 'l fuq minn livelli li jistgħu jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli ("MSY"). Għodda importanti f'dan ir-rigward hija l-iffissar annwali ta' opportunitajiet tas-sajd fil-forma ta' qabdiet totali permissibbli ("TAC") u kwoti.

Ir-Regolament (UE) 2016/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 li jistabbilixxi pjan ta' ġestjoni pluriennali għall-istokkijiet tal-bakkaljaw, l-aringi u l-laċċ ikħal fil-Baħar Baltiku u għas-sajd li jisfrutta daww l-istokkijiet ("pjan ta' ġestjoni pluriennali") jispeċifika wkoll il-valuri tal-mortalitajiet mis-sajd espressi bħala meded. Dawn il-valuri jintużaw f'din il-proposta biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-PKS u b'mod partikolari biex jintlaħaq u jinżamm l-MSY.

L-oġġettiv ta' din il-proposta huwa li jiġu ffixxati, għall-aktar stokkijiet tal-ħut kummerċjalment importanti fil-Baħar Baltiku, l-oportunitajiet tas-sajd tal-Istati Membri għall-2022. Sabiex jiġu ssimplifikati u ċċarati d-deċiżjonijiet annwali dwar it-TACs u l-kwoti, l-oportunitajiet tas-sajd fil-Baħar Baltiku ilhom mill-2006 li ġew iffixxati b'Regolament separat.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam ta' politika**

Il-proposta tistabbilixxi kwoti fil-livelli konsistenti mal-oġġettivi tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-proposta tikkonforma mal-oġġettivi u r-regoli tal-PKS, u hija konsistenti mal-politika tal-Unjoni dwar l-iżvilupp sostenibbli.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Baży ġuridika**

L-Artikolu 43(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-"TFUE").

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-proposta taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni kif imsemmi fl-Artikolu 3(1)(d) tat-TFUE. Għalhekk il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità għar-raġunijiet li ġejjin;

Il-PKS hija politika komuni. Skont l-Artikolu 43(3) tat-TFUE, hija r-responsabbiltà tal-Kunsill li jadotta l-miżuri dwar l-iffissar u l-allokazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd.

Din il-proposta għal Regolament tal-Kunsill talloka l-oportunitajiet tas-sajd lill-Istati Membri. Skont l-Artikolu 16(6) u (7) u l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, l-Istati Membri huma liberi li jallokaw dawn l-oportunitajiet fost ir-reġjuni jew l-operaturi skont il-kriterji stabbiliti f'dawk l-Artikoli. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom ħafna fejn

jimmanuvraw dwar deċiżjonijiet relatati mal-mudelli soċjali/ekonomiċi tal-għażla tagħhom biex jisfruttaw l-opportunitajiet tas-sajd allokatil lilhom.

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni finanzjarja ġdida għall-Istati Membri. Dan ir-Regolament huwa adottat mill-Kunsill kull sena, u l-mezzi pubbliċi u privati għall-implimentazzjoni tiegħu diġà jinsabu fis-seħħ.

- **Għażla tal-istrument**

Strument propost: Regolament.

Din hija proposta għall-ġestjoni tas-sajd ibbażata fuq l-Artikolu 43(3) tat-TFUE.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-Kunsill Konsultattiv tal-Baħar Baltiku (“BSAC”) ġie kkonsultat abbażi tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fir-rigward ta’ Konsultazzjoni dwar l-Opportunitajiet tas-Sajd għall-2022 skont il-Politika Komuni tas-Sajd COM(2021) 279 final. Il-bażi xjentifika tal-proposta ġiet ipprovduta mill-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (“ICES”). Il-fehmiet preliminari espressi mill-partijiet ikkonċernati dwar l-istokkijiet tal-ħut kollha kkonċernati tqiesu kemm jista’ jkun fil-proposta mingħajr ma joħlqu ebda kontradizzjoni ma’ politiki eżistenti jew jikkawżaw xi deterjorament fl-istat tar-riżorsi vulnerabbli.

Il-parir xjentifiku dwar il-limiti tal-qbid u l-istatus tal-istokkijiet ġie diskuss ukoll mal-Istati Membri fil-forum reġjonali BALTFISH f’Ġunju 2021.

- **Ġbir u użu ta’ għarfien espert**

L-ICES, li huwa organizzazzjoni xjentifika, ġie kkonsultat.

Kull sena l-Unjoni titlob pariri xjentifiċi dwar l-istat tal-istokkijiet tal-ħut importanti mill-ICES. Il-parir li tirċievi jkopri l-istokkijiet kollha tal-Baltiku u jiġi proposti TACs għall-aktar stokkijiet kummerċjalment importanti (<http://www.ices.dk/advice/Pages/Latest-Advice.aspx>).

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-proposta hija parti minn approċċ fit-tul fejn is-sajd jiġi aġġustat u jinżamm f’livelli sostenibbli fit-tul. Dan l-approċċ huwa mistenni li jirriżulta fi pressjoni tas-sajd stabbli, kwoti oġġa u għalhekk f’introjtu aħjar għas-sajjieda u l-familji tagħhom. Iż-żieda fil-ħatt l-art hija mistennija li tkun ta’ benefiċċju għall-industrija tas-sajd, għall-konsumaturi, għall-industrija tal-ipproċessar u tal-bejgħ bl-imnut kif ukoll għall-bqija tal-industrija marbuta mas-sajd kummerċjali u rikreattiv.

Id-deċiżjonijiet meħuda dwar l-opportunitajiet tas-sajd fil-Baltiku tul dawn l-aħħar snin kien irnexxielhom sal-2019 iġibu l-mortalità mis-sajd għall-istokkijiet b’parir dwar l-MSY f’konformità mal-meded tal-MSY fil-mument tal-istabbiliment tat-TACs għall-istokkijiet kollha għajr għall-aringa tal-Baltiku tal-Punent, u jreġġgħu lura l-istokkijiet u jibbilanċjaw mill-ġdid il-kapaċità tas-sajd u l-opportunitajiet tas-sajd. Sfortunatament, il-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant kien taħt pressjoni kbira fl-2019 u l-ICES jistma li dak l-istokk probabbilment se jibqa’ f’kundizzjoni ħażina fis-snin li ġejjin.

Il-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Punent ukoll ilu jbati biex jirkupra għal livelli tajbin għas-saħħa għal diversi snin u mill-2020 il-bijomassa tal-aringa tal-Baltiku Ċentrali naqset ukoll għal livelli inqas tajbin għas-saħħa. Diversi popolazzjonijiet tas-salamun kienu wkoll dgħajfa ħafna

għal ħafna snin. Għalhekk, għad jeħtieġ progress biex jinbnew mill-ġdid l-istokkijiet kollha u biex dawn jinġiebu f'konformità mal-MSY.

Fit-28 ta' Mejju 2021, l-ICES ippubblika l-parir xjentifiku tiegħu għall-istokkijiet tal-Baltiku għalkemm ippospona l-parir għall-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Punent u għaż-żewġ TACs tas-salamun għal nofs Settembru. L-ICES jistma li l-bijomassa tal-aringa tal-Baltiku tal-Punent u tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant għadha inqas mil-limiti bijoloġiċi sikuri. Il-bijomassa tal-aringa tal-Baltiku Ċentrali għadha inqas mil-limiti tajbin għas-saħħa. Il-bijomassa tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Punent ilha inqas mil-limiti tajbin għas-saħħa għal diversi snin. Il-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant jirċievi parir ta' prekawzjoni. Ħames stokkijiet jirċievu parir dwar l-MSY li minnhom tlieta huma f'livelli tajbin għas-saħħa (il-laċċ ikħal, l-aringa fil-Golf ta' Riga u l-aringa fil-Golf ta' Bothnia), u tnejn mhumie x (l-aringa tal-Baltiku tal-Punent u tal-Baltiku Ċentrali). Il-barbun tat-tbajja' huwa magħmul minn żewġ stokkijiet li minnhom wieħed jirċievi parir dwar l-MSY, u l-ieħor parir ta' prekawzjoni.

Filwaqt li jitqies dan ta' hawn fuq u sakemm jiġu ppubblikati l-parir tal-ICES għal tliet TACs u l-informazzjoni komplementari tal-ICES għar-raba' stokk, il-proposta tagħlaq is-sajd dirett tal-aringa tal-Baltiku tal-Punent b'TAC għall-qabdiet inċidentali inevitabbli, u tnaqqas l-opportunitajiet tas-sajd għall-aringa fil-Golf ta' Bothnia b'5 % u għall-aringa ċentrali b'54 %. Il-proposta żżid l-opportunitajiet tas-sajd għall-aringa tal-Golf ta' Riga b'21 %, u testendi dawk għall-barbun tat-tbajja', il-laċċ ikħal u l-qabdiet inċidentali tal-bakkaljaw tal-Lvant.

Għalhekk, l-impatt ekonomiku tal-proposta għall-2022 se jfisser tnaqqis fl-opportunitajiet tas-sajd fl-Istati Membri kollha. Kollox ma' kollox, il-proposta attwali (jiġifieri mingħajr il-bakkaljaw tal-Punent, l-aringa tal-Punent, u ż-żewġ TACs tas-salamun) twassal għal livell ta' madwar 434 500 tunnellata għall-opportunitajiet tas-sajd fil-Baltiku, li jirrappreżenta tnaqqis ta' 11,6 % meta mqabbel mal-opportunitajiet tas-sajd emendati tal-2021.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Il-proposta għadha flessibbli fl-applikazzjoni tal-mekkaniżmi tal-iskambju tal-kwoti li diġà kienu ġew introdotti fir-Regolamenti dwar l-opportunitajiet tas-sajd fil-Baħar Baltiku fis-snin preċedenti. Ma hija qed tiġi proposta l-ebda dispożizzjoni ġdida jew proċedura amministrattiva ġdida għall-awtoritajiet pubbliċi (tal-UE jew nazzjonali) li jistgħu jżidu l-piż amministrattiv.

Il-proposta tikkonċerna Regolament annwali li japplika għall-2022 u għalhekk ma tinkludix klawżola ta' reviżjoni.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni fuq il-baġit tal-UE.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Il-monitoraġġ tal-użu tal-opportunitajiet tas-sajd fil-forma ta' TACs u kwoti ġie stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Il-proposta tiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet jew gruppi ta' stokkijiet għas-sajd tal-Istati Membri fil-Baħar Baltiku għall-2022.

Ir-Regolament (UE) 2016/1139 li jistabbilixxi l-pjan ta' ġestjoni pluriennali għall-Baħar Baltiku daħal fis-seħħ fl-20 ta' Lulju 2016. Skont id-dispożizzjonijiet ta' dan il-pjan, l-opportunitajiet tas-sajd iridu jiġu ffixxati f'konformità mal-oġettivi tal-pjan u jridu jikkonformaw mal-meded tal-mortalità mis-sajd fil-mira pprovduti fl-aqwa parir xjentifiku disponibbli, b'mod partikolari mill-ICES jew minn korpi xjentifiku indipendenti simili. Għall-istokkijiet li jibbenefikaw minn parir dwar l-MSY, l-Artikolu 4(3) tal-pjan ta' ġestjoni pluriennali jipprevedi li t-TAC għandha fil-prinċipju tiġi stabbilita għal jew taħt il-valur tal-punt tal-F_{MSY} ("il-medda inferjuri tal-F_{MSY}"), għalkemm it-TAC tista' wkoll dejjem tiġi stabbilita taħt il-meded tal-F_{MSY} skont l-Artikolu 4(4) tal-pjan ta' ġestjoni pluriennali. Għall-istokkijiet tajbin għas-saħħa, it-TAC tista', taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4(5) tal-pjan ta' ġestjoni pluriennali, tkun aktar mill-valur tal-punt tal-F_{MSY} ("il-medda superjuri tal-F_{MSY}"). Għal stokkijiet b'bijomassa inqas mil-limiti tajbin għas-saħħa ("B_{trigger}"), l-Artikolu 5(1) tal-pjan ta' ġestjoni pluriennali jipprevedi li jridu jittieħdu miżuri ta' rimedju xierqa biex jiġi żgurat ir-ritorn rapidu tal-istokk għal livelli tajbin għas-saħħa u b'mod partikolari li t-TAC għandha tiġi stabbilita f'livell imnaqqas taħt il-medda superjuri tal-F_{MSY}, filwaqt li jitqies it-tnaqqis fil-bijomassa. Jekk il-bijomassa ta' stokk tkun saħansitra inqas mil-limiti bijoloġiċi sikuri ("B_{lim}"), l-Artikolu 5(2) tal-pjan ta' ġestjoni pluriennali jipprevedi li jridu jittieħdu miżuri ta' rimedju addizzjonali. B'mod partikolari, il-miżuri ta' rimedju jistgħu jinkludu s-sospensjoni tas-sajd immirat għall-istokk ikkonċernat u t-tnaqqis adegwat tal-opportunitajiet tas-sajd għal dawki l-istokkijiet jew stokkijiet oħrajn fis-sajd. Jistgħu jiġu adottati wkoll miżuri ta' rimedju oħrajn iżda jenħteġ li dawn ikunu marbuta b'mod funzjonali mal-opportunitajiet tas-sajd. L-għażla tal-miżuri jenħteġ li ssir f'konformità man-natura, mal-gravità, mat-tul u mar-ripetizzjoni tas-sitwazzjoni.

Skont ir-Regolament Bażiku tal-PKS, l-opportunitajiet tas-sajd għall-istokkijiet li jirċievu parir ta' prekawżjoni jridu jiġu stabbiliti f'livelli li jiżguraw mill-inqas grad kumparabbli ta' konservazzjoni. Ir-Regolament Bażiku tal-PKS jiddikjara wkoll fil-Premessa 8 tiegħu li d-deċiżjonijiet ta' ġestjoni relatati mas-sajd imħallat jenħteġ li jqisu d-diffikultà tas-sajd tal-istokkijiet kollha f'sajd imħallat b'rendiment massimu sostenibbli fl-istess ħin, b'mod partikolari meta l-parir xjentifiku jindika li jkun diffiċli ħafna li jiġi evitat il-fenomeni tal-"ispeċijiet bi kwota limitanti", billi jżidu s-selettività tal-irkaptu tas-sajd użat.

L-opportunitajiet tas-sajd huma proposti f'konformità mal-Artikolu 16(1) (li jirreferi għall-prinċipju tal-istabbiltà relattiva) u 16(4) (li jirreferi għall-oġettivi tal-PKS u għar-regoli previsti fil-pjanijiet pluriennali) tar-Regolament Bażiku tal-PKS.

Meta kien rilevanti, sabiex jiġu stabbiliti l-kwoti tal-UE għall-istokkijiet kondiviżi mal-Federazzjoni Russa, il-kwantitajiet rispettivi ta' dawn l-istokkijiet tnaqqsu mit-TACs issuġġeriti mill-ICES. It-TACs u l-kwoti allokatil lill-Istati Membri huma stabbiliti fl-Anness tal-proposta.

Għall-aringa tal-Baltiku tal-Punent, id-daqs tal-istokkijiet stmat mill-ICES żdied bi ftit iżda għadu biss 54 % tal-punt ta' referenza ta' limitu tal-bijomassa riproduttiva, li taħtu jista' jkun hemm kapaċità riproduttiva mnaqqsa ("B_{lim}") kif stabbilit mill-ICES. Ir-reklutaġġ kien baxx għal ħafna snin u naqas għal livell baxx storiku. Peress li l-ebda xenarju ta' qbid ma jgħib il-bijomassa aktar mill-B_{lim} fil-futur qrib, l-ICES tenna l-parir tiegħu għal qabdiet zero għar-raba' sena konsekuttiva.

Għalhekk, il-Kummissjoni tipproponi skont l-Artikoli 5(2) u 4(4) tal-pjan ta' ġestjoni pluriennali li jingħalaq is-sajd dirett għajr għas-sajd purament xjentifiku u li tiġi stabbilita TAC għall-qabdiet inċidentali inevitabbli biex jiġu evitati l-kwoti limitanti f'sajd ieħor. Din is-sena, l-ICES għall-ewwel darba ppubblika dokument ta' servizz tekniku dwar il-qabdiet inċidentali inevitabbli tal-aringa tal-Baltiku tal-Punent f'sajd ieħor. Madankollu, dan ma

jsemmix is-sajd fil-Baltiku. Il-Kummissjoni talbet lill-ICES jagħti din l-informazzjoni. Il-Kummissjoni se taġġorna l-proposta tagħha u ttipproponi livell tat-TAC ladarba din tkun irċeviet din l-informazzjoni mill-ICES.

Għall-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant, l-ICES għadu ma jistax jiddetermina l-valuri tal-meded tal-mortalità mis-sajd tal-MSY u għalhekk ħareġ parir ta' prekawzjoni. Għat-tielet sena konsekuttiva, l-ICES ippubblika parir għall-qabdiet zero fl-2022. L-ICES jistma li d-daqs tal-istokkijiet għadu inqas mil-limiti bijoloġiċi sikuri (" B_{lim} ") u li dan se jibqa' inqas mit-terminu medju anke mingħajr ebda sajd. Barra minn hekk, l-ICES jistma li l-bijomassa naqset kemxejn mill-2020 u r-reklutaġġ għadu storikament baxx. Minħabba s-sitwazzjoni ħażina tal-istokkijiet, mill-2019 bdew jiġu adottati miżuri serji. Is-sajd immirat tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant ingħalaq għajr għas-sajd purament xjentifiku, u t-TAC hija limitata għall-qabdiet inċidentali inevitabbli biex jiġu evitati l-kwoti limitanti fil-biċċa l-kbira tas-sajd l-ieħor fil-Baħar Baltiku.

Barra minn hekk, ġew adottati aktar miżuri ta' rimedju marbuta b'mod funzjonali mal-opportunitajiet tas-sajd fil-forma ta' għeluq fiż-żmien riproduttiv li jkopri l-perjodu massimu ta' riproduzzjoni u ż-żoni potenzjali ta' riproduzzjoni b'eċċezzjonijiet għas-sajd purament xjentifiku, għal ċertu sajd kostali fuq skala żgħira bl-użu ta' rkaptu passiv u għas-sajd pelaġiku għall-konsum mill-bniedem imwettaq barra miż-żoni potenzjali ewlenin ta' riproduzzjoni. Barra minn hekk, is-sajd rikreattiv ilu pprojbit mill-2020 fiż-żona ewlenija ta' distribuzzjoni peress li l-kwantitajiet maqbuda jkunu sostanzjali meta mqabbla mat-TAC tal-qabdiet inċidentali. Minħabba li dawn il-miżuri ta' rimedju għad ma kellhomx iż-żmien biex jirriżultaw fi status imtejjeb tal-istokkijiet, huwa xieraq li dawn jinżammu u li l-livell tat-TAC jinżamm kif inhu.

Fir-rigward tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Punent, minħabba kwistjonijiet dwar inkonsistenzi retrospettivi għoljin identifikati matul il-proċess tal-valutazzjoni, l-ICES iddeċieda li jipposponi l-parir tiegħu għal nofs Settembru 2021. Madankollu, l-ICES ilu jindika mill-2019 li s-sitwazzjoni tal-istokk kienet fraġli u qed tiddeterjora mill-ġdid. Barra minn hekk, l-istokk kien qed jiddependi minn klassi ta' sena tajba waħda li l-bijomassa tagħha madankollu ġiet riveduta 'l isfel regolarment. Bħalissa ma hemm l-ebda indikazzjoni li l-perċezzjoni tal-istatus ġenerali tal-istokkijiet kienet tittejjeb b'mod sinifikanti. Għalhekk, sakemm jingħata l-parir tal-ICES, huwa xieraq li jinżammu kif inhuma l-miżuri ta' rimedju relatati b'mod funzjonali mal-opportunitajiet tas-sajd li jeżistu fl-2021 għall-għeluq fiż-żmien riproduttiv u ċerti restrizzjonijiet għas-sajd dirett u rikreattiv. Il-Kummissjoni se taġġorna l-proposta tagħha dwar il-livell tat-TAC u l-limitu tal-qabda għas-sajd rikreattiv ladarba l-ICES ikun ħareġ il-parir tiegħu.

Fl-2020, l-ICES qies li l-bijomassa tal-aringa tal-Baltiku Ċentrali kienet naqset għal livelli inqas tajbin għas-saħħa (" $B_{trigger}$ "). Is-sena l-oħra kien mistenni li l-bijomassa terġa' tkun aktar mil-livelli tajbin għas-saħħa fl-2021 iżda din fil-fatt kompliet tonqos u waslet qrib il- B_{lim} . Barra minn hekk, is-sena l-oħra l-ICES kien qies li l-klassi tas-sena tal-2019 kienet b'saħħitha iżda jirriżulta li din kienet inqas mill-medja, li jfisser li ma kien hemm l-ebda reklutaġġ b'saħħtu mill-2015. Għalhekk, il-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 5(1) tal-pjan ta' ġestjoni pluriennali ttipproponi li l-opportunitajiet tas-sajd jiġu stabbiliti fil-punt inferjuri tal-medda tal- F_{MSY} . L-ICES jistma li b'dan il-livell ta' mortalità mis-sajd, il-bijomassa jenħtieġ li terġa' tkun aktar mil-livelli tajbin għas-saħħa fl-2023.

It-TACs proposti għall-aringa fil-Golf ta' Riga, l-aringa fil-Golf ta' Bothnia u l-laċċ ikħal jikkorrispondu għall-medda tal-mortalità mis-sajd tal-MSY kif imsemmi fl-Artikolu 4(3) tal-pjan ta' ġestjoni pluriennali. Il-bijomassa tal-laċċ ikħal hija tajba għas-saħħa iżda l-prezzjoni tas-sajd għadha għolja wisq. Barra minn hekk, l-ICES jagħti parir li jitqiesu l-interazzjonijiet

bejn id-diversi speċijiet peress li l-laċċ ikħal huwa speċi ta' foraġġ importanti għall-bakkaljaw. Barra minn hekk, il-laċċ ikħal jinqabad f'sajd imħallat b'aringa li t-TAC tagħha għandha titnaqqas b'mod sinifikanti għat-tieni sena konsekuttiva skont ir-regoli tal-pjan ta' ġestjoni pluriennali. Għalhekk, il-Kummissjoni tipproponi li ma tiżdiedx it-TAC tal-laċċ ikħal iżda li din tiġi estiża.

It-TAC għall-barbun tat-tbajja' tikkorrispondi għal taħlita tal-parir dwar l-MSY għall-istokk fis-subdiviżjonijiet 21 sa 23 u tal-approċċ tal-ICES għall-istokkijiet b'*data* limitata (parir ta' prekawzjoni) għall-istokk fis-subdiviżjonijiet 24 sa 32. Iż-żewġ stokkijiet qed jiżviluppaw tajjeb, iżda jenħtieġ li jitqiesu l-interazzjonijiet bejn id-diversi speċijiet. Il-bakkaljaw huwa qabda inċidentali inevitabbli fis-sajd għall-barbun tat-tbajja', u l-livelli ta' qabdiet inċidentali jistgħu jkunu sinifikanti b'mod partikolari sakemm ma jintużawx irkapti tas-sajd aktar selettivi. Il-Kummissjoni tipproponi li l-opportunitajiet tas-sajd għall-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant jinżammu f'livell baxx ħafna, u l-parir pospost tal-ICES għall-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Punent mhuwiex mistenni li jissuġġerixxi żieda sinifikanti fil-qabdiet. Għalhekk, il-Kummissjoni tipproponi li t-TAC għall-barbun tat-tbajja' tiġi estiża f'konformità mal-Artikolu 4(4) tal-pjan ta' ġestjoni pluriennali.

L-ICES iddeċieda li jipposponi l-parir tiegħu għaż-żewġ TACs tas-salamun għal nofs Settembru 2021. Il-Kummissjoni se taġġorna l-proposta tagħha ladarba l-ICES ikun ħareġ il-parir tiegħu. Madankollu, f'valutazzjoni mwettqa fl-2020 għas-salamun fil-baċir ewlieni, l-ICES sab li l-punti ta' referenza u l-parir preċedenti kienu inkonsistenti mal-approċċ tal-MSY. Barra minn hekk, diversi popolazzjonijiet tas-salamun tax-xmajjar ilhom dgħajfa għal ħafna snin, b'indikazzjonijiet limitati ta' rkupru fl-aħjar ipotesi. Is-sajd kummerċjali u rikreattiv fil-baħar bi stokkijiet imħallta fil-baċir ewlieni jimmira għall-istokkijiet kollha, inkluż daww l-istokkijiet dgħajfa. Għalhekk, l-ICES qies li ma kien hemm l-ebda rata tas-sajd għas-sajd kummerċjali fil-baħar bi stokkijiet imħallta li tiżgura li l-popolazzjonijiet kollha tas-salamun fiż-żona tat-TAC jilhqqu l-MSY f'ġenerazzjoni waħda tas-salamun.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 introduċa aktar kundizzjonijiet għall-ġestjoni minn sena għal sena tat-TACs, inklużi dispożizzjonijiet ta' flessibbiltà skont l-Artikoli 3 u 4 għall-istokkijiet prekawzjonali u analitiċi rispettivament. Skont l-Artikolu 2 tiegħu, meta jiffissa t-TACs, il-Kunsill irid jiddeċiedi għal liema stokkijiet l-Artikoli 3 u 4 ma għandhomx japplikaw, b'mod partikolari abbażi tal-istatus bijoloġiku tal-istokkijiet. Aktar reċentement, ġie introdott il-mekkaniżmu ta' flessibbiltà għall-istokkijiet kollha koperti bl-obbligu tal-ħatt l-art skont l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Għalhekk, biex tiġi evitata l-flessibbiltà eċċessiva li ddgħajjef il-prinċipju tal-isfruttament razzjonali u responsabbli tar-riżorsi bijoloġiċi ħajjin tal-baħar u tfixxkel l-ilħuq tal-oġettivi tal-PKS, jenħtieġ li jiġi ċċarat li l-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 japplikaw biss meta l-Istati Membri ma jużawx il-flessibbiltà minn sena għal sena prevista fl-Artikolu 15(9) tar-Regolament 1380/2013.

Il-Kummissjoni tipproponi wkoll li jiġi emendat ir-Regolament (UE) 2021/92 biex tiġi stabbilita TAC għall-merluzz tan-Norveġja li s-sajd tiegħu jibda fl-1 ta' Novembru. Il-livell tat-TAC huwa stabbilit f'"pm" sakemm jiġu ppubblikati l-parir tal-ICES mistenni fil-bidu ta' Ottubru 2021 u l-konsultazzjonijiet mar-Renju Unit.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għall-2022 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku, u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/92 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd f'ilmijiet oħrajn

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ jirrikjedi li jiġu adottati miżuri ta' konservazzjoni li jkunu l-pariri xjentifiċi, tekniċi u ekonomiċi disponibbli, inkluż, meta jkun rilevanti, ir-rapporti mfassla mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd u minn korpi konsultattivi oħrajn, kif ukoll pariri mogħtija minn Kunsilli Konsultattivi stabbiliti għaż-żoni ġeografiċi rilevanti ta' kompetenza u r-rakkomandazzjonijiet konġunti tal-Istati Membri.
- (2) Il-Kunsill irid jadotta miżuri dwar l-iffissar u l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd, inkluż ċerti kundizzjonijiet li jkunu marbuta b'mod funzjonali ma' dawg l-opportunitajiet tas-sajd, kif xieraq. L-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jipprevedi li l-opportunitajiet tas-sajd jenħtieġ li jiġu allokati lill-Istati Membri b'tali mod li tiġi żgurata l-istabbiltà relatata tal-attivitàjiet tas-sajd ta' kull Stat Membru għal kull stokk jew tip ta' sajd.
- (3) L-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jipprevedi li l-oġettiv tal-PAKS huwa li sal-2015 tinkiseb ir-rata ta' sfruttament tar-rendiment massimu sostenibbli ("MSY") meta jkun possibbli u, fuq bażi progressiva u inkrementali sa mhux aktar tard mill-2020 għall-istokkijiet kollha. L-oġettiv tal-perjodu tranżitorju sal-2020 kien li tiġi bbilanċjata l-kisba tal-MSY għall-istokkijiet kollha bl-aspetti soċjoekonomiċi possibbli relatati mal-aġġustamenti possibbli tal-opportunitajiet tas-sajd relatati.
- (4) Għalhekk, il-qabdiet totali permissibbli ("TAC") jenħtieġ li jiġu stabbiliti, f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, abbażi tal-pariri xjentifiċi disponibbli, filwaqt li jitqiesu l-aspetti bijoloġiċi u soċjoekonomiċi u jiġi żgurat trattament ġust bejn is-setturi tas-sajd u filwaqt li jitqiesu l-opinjoni espressi matul il-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati.

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

- (5) Ir-Regolament (UE) 2016/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-bakkaljaw, l-aringi u l-laċċ ikħal fil-Baħar Baltiku u għas-sajd li jisfrutta daww l-istokkijiet (“il-pjan”). Il-pjan għandu l-għan li jiżgura li l-isfruttament tar-riżorsi bijoloġiċi ħajjin tal-baħar jirkupra u jżomm il-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet maqbuda ’l fuq minn livelli li jistgħu jipproduċu l-MSY. L-Artikolu 16(4) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jipprevedi li għall-istokkijiet soġġetti għal pjanijiet pluriennali speċifiċi, l-opportunitajiet tas-sajd iridu jiġu stabbiliti f’konformità mar-regoli stabbiliti f’daww il-pjanijiet.
- (6) F’konformità mal-Artikolu 4(1) tal-pjan, l-opportunitajiet tas-sajd għall-istokkijiet elenkati fl-Artikolu 1 tal-pjan kellhom jiġu ffixxati biex tinkiseb il-mortalità mis-sajd bl-MSY espressa f’meded mill-aktar fis possibbli u, fuq bażi progressiva u inkrementali, sal-2020. Għalhekk, il-limiti tal-qbid applikabbli fl-2022 għall-istokkijiet rilevanti fil-Baħar Baltiku jridu jiġu stabbiliti f’konformità mal-oġettivi tal-pjan.
- (7) Il-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (“ICES”) ippubblika l-parir annwali tiegħu dwar l-istokkijiet tal-Baltiku fit-28 ta’ Mejju 2021. Dan indika li l-bijomassa tal-aringa tal-Baltiku tal-Punent fis-subdiviżjoni 20 sa 24 kienet biss 54 % tal-valur ta’ referenza ta’ limitu tal-bijomassa tal-istokkijiet riproduttivi, li taħtu jista’ jkun hemm kapaċità riproduttiva mnaqqa (“ B_{lim} ”). Barra minn hekk, ir-reklutaġġ għadu f’livelli storikament baxxi. Għalhekk, l-ICES ippubblika għar-raba’ sena konsekuttiva parir għal qabdiet żero. F’konformità mal-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) 2016/1139, għandhom jiġu adottati l-miżuri ta’ rimedju xierqa kollha biex jiġi żgurat li l-istokk ikkonċernat jirritorna malajr għal livelli ’l fuq mil-livell li kapaċi jipproduċi l-MSY. Barra minn hekk, dik id-dispożizzjoni tirrikjedi li jiġu adottati aktar miżuri ta’ rimedju. Minħabba s-sitwazzjoni ħażina tal-istokkijiet, jixraq li jingħalaq is-sajd dirett b’eċċezzjoni għall-operazzjonijiet tas-sajd imwettqa għall-fini esklużiv ta’ investigazzjonijiet xjentifiċi u f’konformità sħiħa mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³. Barra minn hekk, sabiex jiġi evitat il-fenomeni tal-“ispeċijiet bi kwota limitanti” u sabiex jinstab il-bilanċ it-tajjeb bejn il-kontinwazzjoni tas-sajd fid-dawl tal-implikazzjonijiet soċjoekonomiċi potenzjalment serji, u l-ħtieġa li jinkiseb status bijoloġiku tajjeb għall-istokk, filwaqt li titqies id-diffikultà tas-sajd tal-istokkijiet kollha f’sajd imħallat b’rendiment sostenibbli massimu fl-istess ħin, huwa xieraq li tiġi stabbilita TAC speċifika għall-qabdiet iċċidentali inevitabbli.
- (8) Fir-rigward tal-istokk tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant, l-ICES seta’ mill-2019 jerġa’ jibbaża l-parir ta’ prekawżjoni tiegħu fuq valutazzjoni aktar rikka fid-*data*. L-ICES jistma li l-bijomassa għadha inqas mill- B_{lim} u kompliet tonqos mis-sena l-oħra. Għalhekk, l-ICES ippubblika għat-tielet sena konsekuttiva parir għal qabdiet żero. Mill-2019, ġew adottati miżuri ta’ konservazzjoni stretti fl-Unjoni. Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) 2016/1139, is-sajd immirat tal-bakkaljaw tal-

² Ir-Regolament (UE) 2016/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta’ Lulju 2016 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-merluzz, l-aringi u l-laċċ ikħal fil-Baħar Baltiku u s-sajd li jisfrutta daww l-istokkijiet, li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2187/2005 u li jirrevoka r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1098/2007 (ĠU L 191, 15.7.2016, p. 1).

³ Ir-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Ġunju 2019 dwar il-konservazzjoni ta’ riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta’ ekosistemi tal-baħar permezz ta’ miżuri tekniċi, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1380/2013, (UE) 2016/1139, (UE) 2018/973, (UE) 2019/472 u (UE) Nru 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2549/2000, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005 (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 105).

Baltiku tal-Lvant ingħalaq u t-TAC ġiet stabbilita f'livell baxx ħafna għall-qabdiet inċidentali inevitabbli tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant biex jiġi evitat il-fenomeni tal-“ispeċijiet bi kwota limitanti” f'sajd ieħor. Barra minn hekk, aktar miżuri ta' rimedju relatati b'mod funzjonali mal-opportunitajiet tas-sajd ġew adottati fil-forma ta' għeluq fiż-żmien riproduttiv u tal-projbizzjoni tas-sajd rikreattiv fiż-żona ewlenija ta' distribuzzjoni. Minħabba l-parir tal-ICES u s-sitwazzjoni tal-istokk li baqgħet kif inhi, huwa xieraq li l-livell tal-opportunitajiet tas-sajd u l-miżuri ta' rimedju marbuta b'mod funzjonali jinżammu kif inhum.

- (9) [Spazju riżervat għall-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Punent]
- (10) FI-2020, l-ICES qies li l-bijomassa tal-aranga tal-Baltiku Ċentrali waqgħet taħt il-punt ta' referenza tal-bijomassa tal-istokkijiet riproduttivi li taħtu trid tittieħed azzjoni ta' ġestjoni speċifika u xierqa (“B_{trigger}”). FI-2021, l-ICES qies li l-bijomassa kompliet tonqos u issa tinsab qrib il-B_{lim}. Għalhekk, huwa xieraq li jiġu stabbiliti l-opportunitajiet tas-sajd skont l-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) 2016/1139.
- (11) Skont il-parir tal-ICES, il-bakkaljaw jinqabad inċidentalment fis-sajd tal-barbun tat-tbajja'. Il-laċċ ikħal jinqabad f'sajd imħallat mal-aranga u huwa speċi ta' priża għall-bakkaljaw. Huwa xieraq li jitqiesu dawn l-interazzjonijiet bejn id-diversi speċijiet meta jiġu stabbiliti l-opportunitajiet tas-sajd għall-barbun tat-tbajja' u l-laċċ ikħal.
- (12) [Spazju riżervat għas-salamun fil-baċir ewlieni]
- (13) [Spazju riżervat għas-salamun fil-Golf tal-Finlandja]
- (14) L-introduzzjoni ta' projbizzjoni tas-sajd għat-trota tal-baħar lil hinn minn erba' mili nawtiċi u ta' limitazzjoni tal-qabdiet inċidentali tat-trota tal-baħar għal 3 % tal-qabda mħallta tat-trota tal-baħar u tas-salamun ikkontribwiet ferm għal tnaqqis sostanzjali ta' rapportar ħażin tal-qabdiet fis-sajd għas-salamun li qabel kien importanti, b'mod partikolari bħala qabdiet ta' trota tal-baħar. Għalhekk, jixraq li tinżamm din id-dispożizzjoni biex jinżamm livell baxx ta' rapportar ħażin.
- (15) L-użu tal-opportunitajiet tas-sajd stabbiliti f'dan ir-Regolament huwa soġġett għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009⁴, u b'mod partikolari għall-Artikoli 33 u 34 tiegħu dwar ir-reġistrazzjoni tal-qabdiet u l-isforz tas-sajd, kif ukoll dwar it-trażmissjoni ta' *data* lill-Kummissjoni dwar l-eżawriment tal-opportunitajiet tas-sajd. Għalhekk, dan ir-Regolament jenħtieġ li jispeċifika l-kodiċijiet relatati mal-ħatt l-art tal-istokkijiet soġġetti għal dan ir-Regolament li jridu jintużaw mill-Istati Membri meta jibagħtu d-*data* lill-Kummissjoni.
- (16) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96⁵ introduċa kundizzjonijiet addizzjonali għall-ġestjoni minn sena għal sena tat-TACs inkluż, skont l-Artikoli 3 u 4, dispożizzjonijiet ta' flessibilità għat-TACs prekawżjonarji u analitiċi. Skont l-Artikolu 2 ta' dak ir-Regolament, meta jiffissa t-TACs, il-Kunsill irid jiddeċiedi għal liema stokkijiet ma għandhomx japplikaw l-Artikolu 3 jew 4, b'mod partikolari abbażi tal-istatus bijoloġiku tal-istokkijiet. Aktar reċentement, l-Artikolu 15(9) tar-

⁴ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

⁵ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 tas-6 ta' Mejju 1996 li jintroduċi kondizzjonijiet addizzjonali għal tmexxija minn sena għal sena tal-TAC u l-kwoti (ĠU L 115, 9.5.1996, p. 3).

Regolament (UE) Nru 1380/2013 introduċa l-mekkaniżmu ta' flessibbiltà minn sena għal sena għall-istokkijiet kollha li huma soġġetti għall-obbligu tal-ħatt l-art. Għalhekk, sabiex jiġi evitat li l-flessibbiltà eċċessiva, li ddgħajjef il-prinċipju tal-isfruttament razzjonali u responsabbli tar-riżorsi bijoloġiċi ħajjin tal-baħar, tfixkel l-ilħuq tal-oġġettivi tal-PKS u tiddeterjora l-istatus bijoloġiku tal-istokkijiet, jenħtieġ li jiġi stabbilit li l-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 japplikaw biss għat-TACs analitiċi meta ma tintużax il-flessibbiltà minn sena għal sena prevista fl-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

- (17) Barra minn hekk, minħabba li l-bijomassa tal-istokk tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant u tal-aringa tal-Baltiku tal-Punent hija inqas mill-B_{lim} u li huwa permess biss sajd inċidentali u xjentifiku fl-2022, l-Istati Membri impenjaw ruħhom li ma japplikawx il-flessibbiltà minn sena għal sena prevista fl-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għal dawn l-istokkijiet fl-2022 sabiex il-qabdiet fl-2022 ma jaqbżux it-TAC stabbilita għall-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant u għall-aringa tal-Baltiku tal-Punent.
- (18) Is-sena tas-sajd għall-merluzz tan-Norveġja fid-diviżjoni 3a tal-ICES u fl-ilmijiet tar-Renju Unit u tal-Unjoni Ewropea tas-subżona 4 tal-ICES u fl-ilmijiet tar-Renju Unit fid-diviżjoni 2a tal-ICES hija mill-1 ta' Novembru sal-31 ta' Ottubru. Abbażi ta' parir xjentifiku ġdid, jenħtieġ li tiġi stabbilita TAC għall-merluzz tan-Norveġja għal daww iż-żoni. Għalhekk, ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 2021/92⁶ jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.
- (19) Sabiex tiġi evitata l-interruzzjoni tal-attivitajiet tas-sajd u sabiex jiġi żgurat l-għajxien tas-sajjeda tal-Unjoni, dan ir-Regolament jenħtieġ li jibda japplika mill-1 ta' Jannar 2022. Madankollu, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika għall-merluzz tan-Norveġja fid-diviżjoni 3a tal-ICES u fl-ilmijiet tar-Renju Unit u tal-Unjoni Ewropea tas-subżona 4 tal-ICES u fl-ilmijiet tar-Renju Unit fid-diviżjoni 2a tal-ICES mill-1 ta' Novembru 2021 sal-31 ta' Ottubru 2022. Għal raġunijiet urġenti, dan ir-Regolament jenħtieġ li jidħol fis-seħħ minnufih malli jiġi pubblikat.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut fil-Baħar Baltiku għall-2022 u jemenda ċerti opportunitajiet tas-sajd f'ilmijiet oħrajn stabbiliti bir-Regolament (UE) 2021/92.

⁶ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/92 tat-28 ta' Jannar 2021 li jistabbilixxi għall-2021 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠU L 31, 29.1.2021, p. 31).

Artikolu 2
Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li joperaw fil-Baħar Baltiku.
2. Dan ir-Regolament għandu japplika wkoll għas-sajd rikreattiv meta dan jissemma' b'mod espliċitu fid-dispożizzjonijiet rilevanti.

Artikolu 3
Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Barra minn hekk, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "subdiviżjoni" tfisser subdiviżjoni tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar ("ICES") tal-Baħar Baltiku kif iddefinit fl-Anness III tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 218/2009⁷;
- (2) "qabda totali permissibbli" ("TAC") tfisser il-kwantità ta' kull stokk li tista' tinqabad f'perjodu ta' sena;
- (3) "kwota" tfisser proporzjon mit-TAC allokat lill-Unjoni, lil Stat Membru jew lil pajjiż terz;
- (4) "sajd rikreattiv" tfisser attivitajiet tas-sajd mhux kummerċjali li jisfruttaw ir-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar għar-rikreazzjoni, it-turiżmu jew l-isport.

KAPITOLU II

OPPORTUNITAJIET TAS-SAJD

Artikolu 4
TACs u allokazżjonijiet

It-TACs, il-kwoti u l-kundizzjonijiet marbuta b'mod funzjonali magħhom, meta jkun xieraq, huma stabbiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 5
Dispożizzjonijiet speċjali dwar l-allokazżjoni tal-opportunitajiet tas-sajd

L-allokazżjoni tal-opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri, kif stabbilit f'dan ir-Regolament, għandha tkun mingħajr preġudizzju għal:

- (a) l-iskambji li jsiru skont l-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;
- (b) it-tnaqqis u r-riallokazżjonijiet li jsiru skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009;
- (c) ħatt l-art addizzjonali permess skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 jew skont l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;

⁷ Ir-Regolament (KE) Nru 218/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar il-preżentazzjoni ta' statistiċi ta' qbid nominali mill-Istati Membri li jistadu fil-grigal tal-Atlantiku (Tfassil mill-ġdid) (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 70).

- (d) kwantitajiet miżmuma f'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 jew ittrasferiti skont l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;
- (e) tnaqqis li jsir skont l-Artikoli 105 u 107 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

Artikolu 6

Kundizzjonijiet għall-ħatt l-art ta' qabdiet u ta' qabdiet inċidentali

L-istokkijiet ta' speċijiet mhux fil-mira fil-limiti bijoloġiċi sikuri msemija fl-Artikolu 15(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 li jikkwalifikaw għad-deroga mill-obbligu li l-qabdiet jingħaddu mal-kwoti rilevanti huma identifikati fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 7

Għeluq għall-protezzjoni tar-riproduzzjoni tal-bakkaljaw

1. Għandu jiġi pprojbit is-sajd bi kwalunkwe tip ta' rkaptu tas-sajd fis-subdiviżjonijiet 25 u 26 mill-1 ta' Mejju sal-31 ta' Awwissu.
2. Eżenzjoni mill-projbizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 għandha tapplika fil-każijiet li ġejjin:
 - (a) operazzjonijiet tas-sajd imwettqa għall-fini esklużiv ta' investigazzjonijiet xjentifiċi dment li dawk l-investigazzjonijiet jitwettqu f'konformità sħiħa mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2019/1241;
 - (b) bastimenti tas-sajd tal-Unjoni b'tul totali ta' inqas minn 12-il metru li jistadu bl-għeżula, bix-xbieki tat-tħabbil jew bil-pariti tal-qiegħ, bil-konzijiet tal-qiegħ, bil-konzijiet, bil-konzijiet tal-wiċċ, bix-xlief u bl-irkaptu tat-trejjix jew b'irkaptu passiv simili f'żoni fejn il-fond tal-ilma jkun inqas minn 20 metru skont il-koordinati fil-mappa nawtika uffiċjali li tinħareġ mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti;
 - (c) bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jistadu fis-subdiviżjoni 25 fejn il-fond tal-ilma jkun inqas minn 50 metru għall-istokkijiet pelaġiċi għall-konsum dirett mill-bniedem, bl-użu ta' rkaptu b'daqs tal-malja ta' 45 mm jew inqas, u li jintgħażel il-ħatt l-art tagħhom.
3. Għandu jiġi pprojbit is-sajd bi kwalunkwe tip ta' rkaptu tas-sajd fis-subdiviżjonijiet 22 u 23 mill-1 ta' Frar sal-31 ta' Marzu u fis-subdiviżjoni 24 mill-15 ta' Mejju sal-15 ta' Awwissu.
4. Eżenzjoni mill-projbizzjoni stabbilita fil-paragrafu 3 għandha tapplika fil-każijiet li ġejjin:
 - (a) operazzjonijiet tas-sajd imwettqa għall-fini esklużiv ta' investigazzjonijiet xjentifiċi dment li dawk l-investigazzjonijiet jitwettqu f'konformità sħiħa mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2019/1241;
 - (b) bastimenti tas-sajd tal-Unjoni b'tul totali ta' inqas minn 12-il metru li jistadu bl-għeżula, bix-xbieki tat-tħabbil jew bil-pariti tal-qiegħ, bil-konzijiet tal-qiegħ, bil-konzijiet, bil-konzijiet tal-wiċċ, bix-xlief u bl-irkaptu tat-trejjix jew b'irkaptu passiv simili f'żoni fejn il-fond tal-ilma jkun inqas minn 20 metru skont il-koordinati fil-mappa nawtika uffiċjali li tinħareġ mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti;
 - (c) bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jistadu fis-subdiviżjoni 24 fejn il-fond tal-ilma jkun inqas minn 40 metru għall-istokkijiet pelaġiċi għall-konsum dirett mill-

bniedem, bl-użu ta' rkaptu b' daqs tal-malja ta' 45 mm jew inqas, u li jintgħażel il-ħatt l-art tagħhom.

5. Il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd kif imsemmija fil-punti (b) jew (c) tal-paragrafu 2 u fil-punti (b) jew (c) tal-paragrafu 4 għandhom jiżguraw li l-attività tas-sajd tagħhom tkun tista' tiġi mmonitorjata f'kull ħin mill-awtoritajiet ta' kontroll tal-Istat Membru.

Artikolu 8

Miżuri dwar is-sajd rikreattiv għall-bakkaljaw fis-subdiviżjonijiet 22-26

1. Fis-sajd rikreattiv, jistgħu jinżammu mhux aktar minn [pm] kampjuni ta' bakkaljaw għal kull sajjied kuljum fis-subdiviżjonijiet 22 u 23 u fis-subdiviżjoni 24 sa sitt mili nawtiċi mkejla mil-linji bażi.
2. B'deroga mill-paragrafu 1, ma jistgħux jinżammu aktar minn [pm] kampjuni ta' bakkaljaw għal kull sajjied kuljum fis-subdiviżjonijiet 22 u 23 u fis-subdiviżjoni 24 sa sitt mili nawtiċi mkejla mil-linji bażi fil-perjodu mill-1 ta' Frar sal-31 ta' Marzu 2022.
3. Is-sajd rikreattiv għall-bakkaljaw għandu jiġi pprojbit fis-subdiviżjoni 24 lil hinn mis-sitt mili nawtiċi mkejla mil-linji bażi, u fis-subdiviżjonijiet 25 u 26.
4. Il-paragrafi 1, 2 u 3 huma mingħajr preġudizzju għal miżuri nazzjonali aktar stretti.

Artikolu 9

Miżuri dwar is-sajd għat-trota tal-baħar u għas-salamun fis-subdiviżjonijiet 22-32

1. Is-sajd għat-trota tal-baħar lil hinn minn erba' mili nawtiċi mkejla mil-linji bażi fis-subdiviżjonijiet 22-32 għandu jiġi pprojbit għall-bastimenti tas-sajd mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2022. Meta jsir is-sajd għas-salamun f'dawk l-ilmijiet, il-qabdiet inċidentali tat-trota tal-baħar ma għandhomx jaqbżu t-3 % tal-qabda totali tas-salamun u tat-trota tal-baħar fi kwalunkwe mument abbord jew meta jinħattu l-art wara kull vjaġġ tas-sajd.
2. Il-paragrafu 1 huwa mingħajr preġudizzju għal miżuri nazzjonali aktar stretti.

Artikolu 10

Flessibilità

1. Għajr meta jiġi speċifikat mod ieħor fl-Anness ta' ir-Regolament, l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 għandu japplika għall-istokkijiet soġġetti għal TACs prekawzjonarji u l-Artikolu 3(2) u (3) u l-Artikolu 4 ta' dak ir-Regolament għandhom japplikaw għall-istokkijiet soġġetti għal TAC analitika.
2. L-Artikolu 3(2) u (3) u l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandhomx japplikaw meta Stat Membru juża l-flessibilità minn sena għal sena prevista fl-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

Artikolu 11

Trażmissjoni tad-data

Meta, skont l-Artikoli 33 u 34 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, l-Istati Membri jibagħtu *data* relatata mal-kwantitajiet tal-istokkijiet maqbuda jew li nħattu l-art lill-Kummissjoni, dawn għandhom jużaw il-kodiċijiet tal-istokkijiet stabbiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

KAPITOLU III

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 12

Emendi fir-Regolament (UE) 2021/92

Fl-Anness IA, it-tabella tal-opportunitajiet tas-Sajd għall-merluzz tan-Norveġja u l-qabdiet inċidentali assoċjati fid-diviżjoni 3a tal-ICES u fl-ilmijiet tar-Renju Unit u tal-Unjoni Ewropea tas-subżona 4 tal-ICES u fl-ilmijiet tar-Renju Unit fid-diviżjoni 2a tal-ICES hija sostitwita b'dan li ġej:

“

Speċi:	Merluzz tan-Norveġja u qabdiet inċidentali assoċjati	Żona:	3a; l-ilmijiet tar-Renju Unit u tal-Unjoni Ewropea tas-subżona 4; l-ilmijiet tar-Renju Unit ta' 2a
	<i>Trisopterus esmarkii</i>		(NOP/2A3A4.)
Sena	2021	2022	
Id-Danimarka	116 447 ⁽¹⁾⁽³⁾	pm ⁽¹⁾⁽⁶⁾	TAC analitika
Il-Ġermanja	22 ⁽¹⁾⁽²⁾⁽³⁾	pm ⁽¹⁾⁽²⁾⁽⁶⁾	L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika
In-Netherlands	86 ⁽¹⁾⁽²⁾⁽³⁾	pm ⁽¹⁾⁽²⁾⁽⁶⁾	L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika
L-Unjoni	116 555 ⁽¹⁾⁽³⁾	pm ⁽¹⁾⁽⁶⁾	
Ir-Renju Unit	11 745	pm	
In-Norveġja	0 ⁽⁴⁾	pm ⁽⁴⁾	
Il-Gżejjer Faeroe	0 ⁽⁵⁾	pm ⁽⁵⁾	
TAC	Mhix rilevanti		
(1)	Sa 5 % tal-kwota tista' tikkonsisti minn qabdiet inċidentali ta' merluzz tal-linja sewda u ta' merlangu (OT2/*2A3A4). Flimkien, il-qabdiet aċċessorji tal-merluzz tal-linja sewda u tal-merlangu li jingħaddu mal-kwota skont din id-dispożizzjoni u l-qabdiet ta' daww l-ispeċijiet li jingħaddu mal-kwota skont l-Artikolu 15(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 ma għandhomx jaqsbu d-9 % tal-kwota.		
(2)	Il-kwota tista' tiġi mistada biss fl-ilmijiet tar-Renju Unit u tal-Unjoni Ewropea taż-żoni 2a, 3a u 4 tal-ICES.		
(3)	Il-kwota tal-Unjoni tista' tiġi mistada biss mill-1 ta' Novembru 2020 sal-31 ta' Ottubru 2021.		
(4)	Għandu jintuża għarbiel.		
(5)	Għandu jintuża għarbiel. Tinkludi massimu ta' 15 % tal-qabdiet inċidentali inevitabbli (NOP/*2A3A4), li għandhom jingħaddu ma' din il-kwota.		
(6)	Il-kwota tal-Unjoni tista' tiġi mistada mill-1 ta' Novembru 2021 sal-31 ta' Ottubru 2022.		

“

Artikolu 13

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2022. Madankollu, l-Artikolu 12 għandu japplika mill-1 ta' Novembru 2021 sal-31 ta' Ottubru 2022.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*